*Contra Scriptum Testimonium Non Scriptum Non Fertur*

*Eccezzjonijiet ghar-regola*

*Pacta sunt servanda*

*L exceptio non adempliti contractus*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### MHALLEF

### ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

### Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2017

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 464/2009/LSO fl-ismijiet :**

**Josephine Cricchiola ID 373164(M)**

**vs**

**John Farrugia ID 125373(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Josephine Cricchiola datat 15 ta' Mejju 2009 fejn esponiet: -

Illi l-partijiet f' dan ir-rikors kienu dahlu ghall-kirja u krew il-fond imsejjah 'Hilltop Service' fi Triq il-Blajjiet f' Marsaskala minn ghand il-konjugi Joseph u Mary Ann Buhagiar fil-11 ta' Dicembru tal-2008.

IIIi bejn il-partijiet f' din il-kawza kienet giet iffirmata skrittura privata ohra fid-19 ta' Dicembru 2008, dwar eventwali terminazzjoni tar-relazzjoni bejn il-partjiet u hlas dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta' €23,294.

Illi fir-relazzjonijiet bejn l-attrici u l-konvenut thassru rrimedjabilment u ghalhekk giet fis-sehh id-dispozizzjoni tal-iskrittura tad-19 ta' Dicembru 2008, u l-konvenut dovut ihallas lill-attrici s-somma ta' €23,294.

Illi l-konvenut minkejja li gie msejjah biex jersaq kemm b' ittra bonarja kif ukoll ufficjali biex ihallas huwa baqa' inadempjenti.

Illi f'dan il-kaz jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-artikolu 167 *et seq*, tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Proceduráli Civili, Kap.12, *stante* li fil-fehma tal-attrici

l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x' jaghti t-talbiet tar-rikorrenti.

Illi l-fatti huma maghrufa mir-rikorrenti, u fid-dawl tal-inadempjenza tal-konvenut kellha tinfetah din il-kawza.

Ghaldaqstant jghid l-intimat ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, m' ghandhiex:

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u taghti s-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li l-intimat dovut ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' €23,294.

3. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kollha dovuti skont il-ligi, inkluz dawk tal-ittra bonarja tas-26 ta' Marzu 2009 u dik ufficcjali __ (sic) ta' April 2009.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-9 ta' Lulju 2009.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata 29 ta' Lulju 2009 (fol 18) fejn ikkonferma bil-gurament tieghu l-fatti li gejjin li huma maghrufa minnu : -

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda u dan ghaliex ir-rikorrenti ma onoratx l-obbligi kontrattwali taghha skont l-iskrittura privata tad-19 ta' Dicembru 2008, senjatament fit-tieni paragrafu;

2. Illi inoltre r-rikorrenti ma tistax tirnexxi fil-pretensjoni tahgha u dan a bazi tal-massima *inademplenti non est ademplendum.*

3. Illi ghalhekk, m'hemmx lok ghal kundanna tal-esponent ghall-ammont pretiz mir-rikorrenti.

4. Salv eccezzjonijiet ohra premessi fil-ligi, bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Rat it-**<u>Talba Rikonvenzionali tal-Intimat</u>** ipprezentat flimkien mar-risposta guramentata datata 29 ta' Lulju 2009 a fol 20 tal-process;

1. Illi l-esponenti kien jiggestixxi n-negozju "Hilltop Self Service", Triq il-Bajjiet, Marsaskala, u dan mis-sena 2008, bi shab ma' Josephine Cricciola.

2. Illi l-intendiment bejn il-partijiet kontendenti, hekk kif rakkjuz fl-iskrittura privata tad-19 ta' Dicembru 2008, kien illi n-negozju *jigi <u>operat</u> bi shab bejniethom hamsin fil-mija kull wiehed.*

3. Illi fil-fatt, il-gestjoni vera u proprja ta' kull aspett illi ghandu x'jaqsam man-negozju kien immexxi mill-esponent, kemm ghal dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni ta' kuljum kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-aspett finanzjarju u ekonomiku tal-istess negozju.

4. Illi fid-durata kollha ta' dan in-negozju, Josephine Cricchiola qatt ma onorat il-ftehim hawn fuq imsemmi, u cioe' illi hi qatt ma kkondividiet fl-amministrazzjoni u l-finanzjament tal-istess negozju, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

5. Illi unilateralment u minghajr ebda raguni valida, Josephine Cricchiola abbandunat in-negozju fuq imsemmi u dan f'Marzu 2009.

6. Illi sad-data fuq imsemmija l-esponent personalment hallas is-somma komplessiva ta' erba' u sittin elf, mija wiehed u sittin ewro, u wiehed u sebghin centezmu [€64,161.71], rapprezentanti spejjes relatati mal-imsemmi negozju.

7. Illi, ghaldaqstant, *ai termini* l-iskrittura privata fuq imsemmija galadarba l-amministrazzjoni u l-finanzjament tan-negozju kellha tigi kondiviza ugwalment bejn il-partijiet kontendenti, l-ammont spettanti lill-esponent jammonta ghal tnejn u tletin elf, tmenin ewro u sitta u tmenin centezmu [€32,080.86], liema somma ghandha tithallas minn Josephine Cricchiola, *qua* shab fin-negozju.

Ghalhekk, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-esponent John Farrugia kreditur versu Josephine Cricchiola fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, tmenin ewro u sitta u tmenin centezmu [€32,080.86], jew somma verjuri, *ai termini* tal-iskrittura privata tad-19 ta' Dicembru 2008;

2. Tikkundanna lill-istess Josephine Cricchiola thallas lill-esponent John Farrugia s-somma ta' tnejn u tletin elf tmenin ewro u sitta u tmenin centezmu [€32,080.86], jew somma verjuri;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali bis-sehh mid-data tan-notifika tal-prezenti atti.

Rat ir-**risposta guramentata tar-rikorrenti ghat-talba rikonvenzjonali tal-Intimat** datata 27 ta' Ottubru 2009 a fol 25 tal-process fejn esponiet bir-rispett u kkonferma bil-gurament :

Illi hija kienet dahlet fi ftehim mal-intimat biex flimkien jiggestixxu in-negozju "Hilltop Self Service" ta' Triq il-Bajjiet, M'Skala.

Illi dana kien sar permezz ta' zewg skritturi, wahda tal-11 ta' Dicembru 2008, u ohra tad-19 ta' Dicembru 2008.

Illi f' din tal-ahhar kien gie stabbilit il-kontribut tal-esponenti u x'kien ikun id-dannu likwidat u dovut lill-esponenti malli l-ftehim bejn il-partijiet ifalli. Dana jissemma fil-hames paragrafu tal-iskrittura tad-19 ta' Dicembru 2008.

Illi ghal diversi ragunijiet l-intiza bejn il-partijiet falliet u kien hemm il-firda msemmija, u wara biss xahar u gimgha ta' tmexxija tan-negozju l-esponenti kellha titlaq.

Illi biex l-esponenti dahlet shab f' dan in-negozju hija kkontribwit is-somma ta' ewro tlieta u ghoxrin elf mitejn u erba' u disghin, ekwivalenti ghal Lm10,000, altru milli qatt ma kkontribwit xejn.

Illi l-esponenti minhabba l-imgieba tal-intimat u minhabba li sa wasal biex jittratta hazin lill-esponenti u sahansitra jheddida, kellha tabbanduna n-negozju mieghu u titlob sehemha mill-avvjament kif ikkuntrattat.

Illi l-esponenti qed tagixxi skont il-ftehim mal-intimat, la qed taghmel kalkoli u lanqas qed titlob xi stokk tan-negozju. Dak kollu li ghamlu flimkien jinsab f' idejn l-intimat u qed jmexxih l-intimat billi jdahhal d-dhul u jamministra skont il-bzonn.

Illi jekk kif qed jghid l-intimat in-negozju llum jiswa €64,161.71, u dan tela' daqshekk bl-operat tieghu, minn dawn, qed issostni l-esponenti €23,294 biss huma taghha ghax daqshekk ikkontribwit.

Ghaldaqstant l-esponenti ticcepixxi bir-rispett:

1) Illi t-talbiet tal-intimat fil-kontrotalba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2) Illi hija m'ghandha l-ebda obbligu thallsu lill-intimat ta' dak li nefaq u qed jinnegozja bih.

3) Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet ta' Josephine Cricchiola datata 22 ta' Novembru 2016 a fol 559 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tat-Tlieta, 2 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Thomas Abela. Dehret Dr Alessia Zammit McKeon ghall-konvenut. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-Qorti kif attwalment presjeduta giet surrogata f'din il-kawza fis-sena 2014.

Din il-kawza tikkoncerna skrittura ossia ftehim ta' gestjoni ta' negozju, li saret bejn il-partijiet fid-19 ta' Dicembru 2008, fejn kien hemm dispozizzjoni li tipprovdi li f'kaz li tittermina r-relazzjoni bejn il-partijiet, ir-rikorrenti jkollha tigi rifuza l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro (€23,294) mill-intimat.

L-intimat laqa' billi sostna li t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li r-rikorrenti ma onoratx l-obbligi kontrattwali tal-ftehim datat 19 ta' Dicembru 2008, partikolarment it-tieni paragrafu tal-ftehim fejn qablu li l-hanut jigi operat bi shab bejniethom. Gie eccepit ukoll li r-rikorrenti ma tistax tirnexxi fil-pretensjoni taghha abbazi tal-massima *inademplenti non est ademplendum*, kwindi m'hemmx lok ghal kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma pretiza. Flimkien mar-risposta tieghu l-intimat ipprezenta talba rikonvenzjonali fejn talab ir-rifuzjoni ta' nofs l-ispejjez li hareg relatati mat-tmexxija tan-negozju ikkalkolat fl-ammont, dan in-nofs, ta' €32,080.86.

**<u>Fatti:</u>**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Illi jirrizulta li l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta' kirja datat 11 ta' Dicembru 2008 rigward il-fond "Hilltop Self Service" fi triq il-Blajjiet Marsaskala, esebita bhala Dok B. Sussegwentement, il-partijiet iffirmaw ftehim bejniethom (Dok A), fejn gie miftiehem li l-hanut kellu jigi operat bi shab indaqs bejniethom, inkluz l-i*stock* u l-oggetti li jinsbu fil-hanut. Gie pattwit li jekk ma jibqghux jiggestixxu n-negozju flimkien

ghax ir-relazzjoni ta' bejniethom tispicca, r-rikorrenti jkollha tithallas l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro (€23,294). Illi wara li sfaxxat ir-relazzjoni ta' bejniethom, ir-rikorrenti baghtet ittra ufficjali datata 15 ta' April 2009 biex tinterpella lill-intimat ihallasha dan l-ammont, u peress li baqa' inadempjenti pprocediet bil-kaz odjern.

**Provi:**

**Josephine Cricchiola** xehdet permezz ta' affidavit (fol 29-31) fejn qalet li kienet ltaqghet mal-intimat fl-2008, u kien ipproponielha biex jifthu hanut tal-merca f' Wied il-Ghajn. Illi wara negozjar ma' Jonathan Young li kien qed jiggestixxi l-hanut dakinhar, qablu li jhallsu Lm5000 ghall-i*stock* u apparat. Wara dan qalet li marru ghand in-Nutar Pool u ffirmaw l-iskrittura ta' bejniethom. Qalet li hi qed titlob biss dak li harget u li jidher fl-iskrittura Dok A.

**Marlon Cricchiola** xehed (fol 34-35)[1] li jigi hu r-rikorrenti u kienet talbitu sebat elef Liri Maltin (Lm7,000), peress li kienet ser taghmel negozju ma' John Farrugia, u ghalkemm ta l-flus ma jafx x'ghamlet sussegwentment u l-flus ghad ma hadhomx lura.

**In-Nutar Vanessa Pool** xehdet (fol 36 – 40)[2] u kkonfermat li kemm Dok A u Dok B saru quddiemha, Dok A jirregola l-posizzjoni tar-rikorrenti u l-intimat kemm-il darba ma

[1] Seduta tat-13 ta' April 2010.
[2] Seduta tat-13 ta' April 2010.

jibqghux flimkien f'dan in-negozju, liema skrittura giet redatta gimgha wara Dok B li hu d-dokument tal-kirja tal-hanut. Qalet li ma kienx hemm klawsola li ghaddew il-flus dakinhar. Semmiet li l-ewwel iltaqghu biex jaghmlu l-kuntratt ta' kirja mbaghad, gimgha wara, marru l-partijiet biex jaghmlu l-iskrittura, it-tnejn kienu tkellmu, u l-ftehim jirrifletti dak li riedu huma. Spjegat li meta tnizzlet il-kelma operat, jirreferi kemm ghad-dhul u kemm ghall-hrug. Mistoqsija specifikament dwar il-kelma 'relazzjoni' uzata fil-kuntratt qalet, li l-intendiment kien ghar-relazzjoni personali mhux biss dik tax-xoghol. Spjegat li r-rikorrenti riedet tassigura li jekk tintemm ir-relazzjoni u titlaq min-negozju, hi kellha tiehu s-sehem li harget. Dwar jekk ir-rikorrenti kinitx isselfet flus, wiegbet li l-partijiet ma kinux qalulha dwar il-provenjenza tal-flus. Qalet ukoll li lill-intimat kienet spjegatlu l-kontenut kollu tal-iskrittura.

**Jonathan Young** xehed (fol 43-45)[3] u qal li kellu l-hanut tal-merca Hilltop Self Service, u muri l-iskrittura a fol 6 qal li permezz taghha hu ceda l-hanut. Qal li l-hanut kien mikri ghandu u lil John Farrugia talbu rigal u kien ghamillu cekk fl-ammont ta' Lm3,000. Qal li n-negozjati dejjem saru ma' John Farrugia imma r-rikorrenti kienet prezenti wkoll. Hu kkonferma li l-ammonti li jidhru a fol 47 u 48 huma l-ammonti li nghataw lilu.

**John Farrugia** (fol 45)[4] esebixxa kopji ta' zewg cekkijiet a fol 47 u 48, li kienu nghataw lil Jonathan Young. Dawn ic-

[3] Seduta tal-11 ta' Mejju 2010.
[4] Seduta tal-11 ta' Mejju 2010

cekkijiet huma fl-ammonti rispettivi ta' €6988 (27 ta' Dicembru 2008) u €5770 (12 ta' Jannar 2009).

**Josephine Cricchiola** (fol 54-56)[5] qalet li meta ltaqghet mal-intimat u bdew relazzjoni ma kinux ighixu flimkien u hu kien ipproponielha biex jiggestixxu hanut tal-merca flimkien. Kien qalilha li jekk tohrog Lm10,000 ikun sufficjenti. Qalet li mhux dejjem kienet prezenti fit-trattattivi li saru ma' Young, u li riedu jhallsu Lm3,000 rigal kif ukoll tal-i*stock*. Ziedet tghid li John talabha Lm10,000 u hi tathomlu *cash* kif riedhom. Qalet li l-flus m'ghaddithomlux ghand in-Nutar, u ghaddithomlu qabel. Hi ma talbitux ricevuta peress li hemm il-kuntratt ta' bejniethom iffirmat. Meta ffirmaw il-kuntratt ghand in-Nutar u qalu li huma shab fin-negozju kien ifisser li riedu jaqsmu d-dejn u l-profitti.

In **kontro-ezami** qalet (fol 67-69) (fol 553-555)[6] li hi ma kinitx tahdem meta ddecidew li jiggestixxu n-negozju flimkien u l-flus kienet isselfithom minghand huha. Dwar l-iskrittura qalet li hi riedet li jitnizzel li jekk ma jibqghux flimkien hi kellha tiehu lura l-Lm10,000. Qalet li hi kienet imnizzla bhala impjegata fil-ktieb tax-xoghol meta kienu jiggestixxu l-hanut flimkien u John kien itiha xi €30, izda huma kienu bi shab fin-negozju. Qalet li tiftatkar li kienu xtraw sistema gdida ta' *cash register* izda ma tiftakarx kemm kienet. Qalet li l-installar tat-telefon sar meta ma kinitx hemm hi u kien juzah John u mhux hi. Qalet ukoll, li

[5] Seduta tas-26 ta' Jannar 2011.
[6] Seduta tas-7 ta' Lulju 2011; Seduta tal-21 ta' Marzu 2016.

kien hemm awditur izda hi ma tafx min kien. Referibbilment ghac-certifikat ta' registrazzjoni a fol 540, mistoqsija hux certifikat biex tirregistra ghax-xoghol, qalet li meta bdiet tahdem *part time* fil-hanut kienu tawha dan id-dokument min-naha tad-Dipartiment.

**Joseph Buhagiar** xehed (fol 62-63)[7] u qal li l-kuntratt ta' kirja tal-hanut sar mar-rikorrenti u mal-intimat, u ma jafx b'xi ftehim iehor ta' bejniethom. Semma li l-pagamenti dejjem saru mill-intimat.

**Charles Galea** xehed (fol 64)[8] u qal li kien biegh apparat u kkonsenjah lil Hilltop Self Service. Semma li dan l-apparat kien ordnat minn John Farrugia u mara li kienet mieghu, u qal li rcieva cekkijiet minghand John Farrugia f'dan ir-rigward.

**Michael Buttigieg** rapprezentant tal-ARMS xehed (fol 65) [9] u qal li sar trasferiment tad-dawl u ilma rigward l-imsmemi hanut, fis-27 ta' Dicembru 2008 minn Jonathan Young ghal John Farrugia, u li l-kont jinsab fuq isem John Farrugia u l-pagamenti jidhru li saru minnu.

**John Farrugia** xehed permezz ta' affidavit (fol 72-76) u qal li wara li staqsa dwar il-hanut Hilltop Self Service, kienu ghamlu l-kirja bil-miktub ghand in-Nutar Vanessa Pool. Qal li meta ghamlu dan il-kuntratt ta' kirja kien ilu xi sitt xhur f'relazzjoni mar-rikorrenti. Hu semma li l-pagamenti li

---

[7] Seduta tas-27 ta' Gunju 2011
[8] Seduta tas-27 ta' Gunju 2011
[9] Seduta tas-27 ta' Gunju 2011

sar referenza ghalihom, saru minnu, u r-rikorrenti kellha thallsu f'pagamenti mensili, izda hu fdaha. Spjega li meta r-rikorrenti riedet tmur ghand in-Nutar biex jaghmlu ftehim bejniethom, liema ftehim hu kkonferma li kien iffirmat minnhom it-tnejn. Izda, qal li dwar il-kundizzjoni imposta ta' Lm10,000, gie konsapevoli taghha wara li sfaxxat ir-relazzjoni u mhux dakinhar li kien iffirma. Hu elenka lista ta' spejjez li ghamel fil-hanut. Semma wkoll, li r-rikorrenti ma kinitx hallset ghal ebda pagament li kien sehemha fin-negozju u allega li kienet tisraq mill-profitti ghaliex gieli sab xi haga nieqsa mill-*cash*.

In **kontro-ezami** (fol 512-519) (fol 529-530) (fol 533-534) (fol 537)[10] qal li m'ghadux jiggestixxi l-Hilltop Self Service u ghaddieh lil xi hadd iehor permezz ta' skrittura ghand in-Nutar. Semma li lir-rikorrenti kien ihallasha talli tahdem fil-hanut permezz ta' flus. Hu kkonferma li l-unika skrittura bejn il-partijiet hi dik esebita a fol 4 tal-process. Qal li ma kienx jaf il-kontenut tal-imsemmi kuntratt ghaliex ir-rikorrenti kienet haditu ghand in-Nutar u laghbitu. Spjega li l-ispiza ta' erbgha' u sittin elf ewro biex jorganizza l-hanut kien imissu ghamilha hu u xiri ta' erbghin elf bhala stokk, mistoqsi r-rikorrenti haditx xi haga minn dan, qal li le. Il-*cash register* hadu mieghu d-dar meta ma baqax jiggestixxi n-negozju. Dwar il-flus li kien jaghti lir-rikorrenti, mistoqsi dan jidhirx fl-*accounts*, qal, li le, ghax hi kienet bla ktieb. Rigward Dok A, fol 132, qal li dawn huma l-ispejjez kollha li ghamel matul iz-zmien li dam jiggestixxi l-hanut. Qal li d-

[10] Seduta tas-26 ta' Frar 2014; Seduta tad-9 ta' Lulju 2014; Seduta tal-5 ta' Novembru 2014; Seduta tat-28 ta' Jannar 2015.

dhul ma kienx irrappurtah u ma jarax li kellu jaqsam dan mar-rikorrenti ghaliex lilha kien ihallasha l-paga.

**Victor Cutajar** xehed (fol 114)[11] u kkonferma li kien issuplixxa xi oggetti lil Hilltop Services. Qal li kien bghatilhom mizien, u thallas tieghu minn John Farrugia, u kkonferma li d-dokument a fol 88 hu tieghu.

**Dr. Stephanie Zarb** xehdet in rapprezentanza ta' Melita plc (fol 114b)[12] u qalet li s-servizz tat-telefon go Hilltop kien servizz li beda fl-4 ta' Frar 2009 u gie terminat fis-7 ta' Novembru 2011 u li kien f'isem John Farrugia.

**Horace Schembri** xehed (fol 118)[13] u qal, li jikkonferma li kien biegh apparat u *slicer* li gew konsenjati fil-hanut Hilltop u jikkonferma d-dokumenti a fol 84,85 u 86.

**Ignatius Pace** xehed (fol 118b)[14] u kkonferma li kien ghamel xkafef ghall-hanut Hilltop u kkonferma d-dokument tieghu a fol 94 qal li kien rcieva xi 'cash' u thallas ukoll permezz ta' xirjiet mill-hanut.

**Colin Bowman** xehed (fol 129)[15] u qal li kien l-*accountant* tal-hanut Hilltop Self Service minn Jannar 2009 sa Mejju 2009, u kkonferma d-dokument a fol 95.

[11] Seduta tal-11 ta' Ottubu 2012
[12] Seduta tal-11 ta' Ottubru 2012
[13] Seduta tas-7 ta' Novembru 2012
[14] Seduta tas-7 ta' Novembru 2012
[15] Seduta tal-24 ta' Jannar 2013.

**Alex Farrugia** xehed (fol 131)[16] u qal li hu hu l-intimat u li kien qed jiehodlu hsieb il-kotba. Hu esebixxa Dok X bl-*invoices* annessi u z-zmien hu limitat ghal Jannar 2009 sa Marzu 2009.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt kif applikat ghall-kaz *de quo*:**

Illi m'hemmx dubbju li dan il-kaz jitratta l-applikazzjoni ta' obbligazzjoni kontrattwali bejn il-firmatarji, u cioe` l-partijiet.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li gie ritenut bl-aktar mod esplicitu li l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata*. "Pacta sunt servanda".* (A.C. 5 ta' Ottbru 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacon et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines; Grace Spiteri et vs Carmel sive Lino Camilleri** P.A. - 3538/09 (RCP) - 30 ta' Mejju 2002").

F'dan ir-rigward, issir referenza ghall-kawza **Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe**, P.A. (1348/2000TM) fejn inghad:

*"Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorozament mill-Qrati Taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkostanza, li skont il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat."*

[16] Seduta tas-7 ta' Mejju 2013.

Dan jinghad in kwantu l-kuntratt ghandu sahha ta' ligi ghal dawk li jaghmluh (**artikolu 992(1) tal-Kodici Civili**) u ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens tal-kontraenti jew ghal ragunijiet mil-ligi maghrufa (**art.992(2) tal-Kodici Civili**). Inoltre` hu mistenni li l-kuntratti jigu esegwiti *in bona fede*. (**Art. 993 tal-Kap 16**). (Ara **Terence Mirabelli vs James Schembri**, P.A. - 31 ta' Jannar 2003).

Difatti, l-**artikolu 992 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi:

(1) "*Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkun u ghamluhom".*

*(2) "Dawk il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."*

Illi r-rikorrenti, fil-kaz in ezami, qed tibbaza l-kawza taghha fuq il-vinkolu kontrattwali u l-volonta` tal-partijiet li ssir ligi bejniethom u torbothom dwar dak li hemm miktub. Min-naha l-ohra, l-intimat qed isostni li ma kienx a konoxxenza ta' dak li ffirma u gie a konoxxenza tal-kontenut tal-ftehim sussegwentement, meta sfaxxat ir-relazzjoni li kellu mar-rikorrenti.

Illi l-klawsola li hija l-pern tal-vertenza odjerna tipprovdi hekk:

*"Kemm-il darba l-partijiet ma jibqghux joperaw flimkien ghax ir-relazzjoni ta' bejniethom ma tibqax aktar fis-sehh l-imsemmija Josephine Cricchiola ikollha d-dritt li tithallas minghand John Farrugia fuq imsemmi s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf , mitejn u erbgha u disghin ewro (€23,294) fi flus kontanti ghal sehemha minn dan l-avvjament*.

Huwa relevanti l-principju ta' dritt, li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftehmu fuqu, jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies sew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. (**Clive Simpson vs John Saliba noe et**, P.A. 22 ta' Gunju 2004; **Frendo vs Caruana**, App Civ – 28 ta' Jannar 1999; **A.M. Developments Ltd. et vs Pauline Micallef**, P.A. (1240/2010) – 28 ta' Ottubru 2013).

Illi fis-sentenza sucitata **A.M. Developments Ltd et vs Pauline Micallef**, ikompli jinghad hekk:

*"Fejn il-kitba hija cara, dak li kien miftiehem ghandu johrog mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'mohhom il-partijiet* (*Ara* ***Brincat vs Saliba****, App Civ datat 14 ta' Noevembru 1983). Il-kunsens, veru li ghandu jkun espressjoni tal-volonta` ta' dak li ta l-kunsens, pero` meta l-kunsens jinghata forma solenni ta' att pubbliku, hu prezunt li l-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volonta`interna tal-kuntraent.Il-prova kuntrarja biex twaqqa' dak li jirrizulta minn att pubbliku, trid tkun cara, inekwivoka, u*

*konkludenti*." (Ara **Grech vs Ciantar**, Qorti tal-Kummerc - 21-05-1979).

Illi r-regola *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur* tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, izda jezistu eccezzjonijiet ghal din ir-regola li huma anke pacifici fil-gurisprudenza taghna[17].

Fil-kaz **Conrad Gatt et v George Xuereb et -** (PA (JRM) 14 ta' Frar 2017) il-Qorti esprimiet il-principji li jsawru din ir-regola hekk:

"*Tant hu hekk li dwar tali regola mill-aspett procedurali huwa stabbilit li (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftiehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) il-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; (ċ) il-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba (P.A. RCP 29.11.2001 fil-kawża fl-ismjiet* ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et****); u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali (App. Ċiv. 6.6.1955 fil-kawża fl-ismijiet* ***Gatt vs Cuschieri noe*** *(Kollez. Vol: XXXIX..i.221) u l-għadd ta' riferenzi li*

[17] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)

*hemm imsemmija). Fl-aħħarnett, dwar dan il-punt, huwa stabbilit ukoll li fejn in-negozju ġuridiku – f'dan il-każ, ftehim dwar l-operat ta' hanut u hlas fuq xoljiment - ikun jirriżulta minn ftehim miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess kuntratt jew kitba, u l-Qorti m'għandhiex tirrikorri għal provi barranija mill-att li minnu jitnissel tali negozju ġuridiku (P.A. 9.6.1964 fil-kawża fl-ismijiet* ***Formosa vs Camilleri et*** *(Kollez. Vol: XLVIII.ii.1022);"*

"*Illi r-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola huma meta (i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim; (ii) il-ftehim ikun simulat; (iii) il-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet, (iv) iqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ppruvat u sakemm tali punt ma jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u (v) meta, flimkien mal-ftehim miktub, ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu (Ara P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Amante Caruana vs Saveria Bonniċi****).*

Fil-kaz odjern, l-intimat afferma fix-xhieda tieghu li hu ma kienx jaf il-kontenut ta' dak li ffirma.

Illi jigi nnutat li l-intimat ma qajjimx eccezzjoni f'dan is-sens. L-ewwel eccezzjoni tieghu hija marbuta mat-tieni eccezzjoni fejn jissolleva l-principju legali *inademplendi non est ademplendum.*

Madankollu dan il-punt gie trattat u ghalhekk irid jigi indirizzat u evalwat.

Dwar dan il-punt il-Qorti tqies sinifikanti x-xhieda tan-Nutar Vanessa Pool li kkonfermat bil-gurament taghha li hi kienet qrat u spjegat il-kontenut tal-iskrittura lill-partijiet qabel ma ffirmaw."*Nghid li jiena spjegajtlu specifikatament din il-klawzola u John Farrugia accetta. Ma tanix l-impressjoni li ma bediex jifhimni. Nghid li din ma saritx f'kwarta u konna domna biex ghamilna dan il-ftehim. L-iskrittura giet redatta dak il-hin quddiem il-partijiet."*

Illi fid-dawl ta' din ix-xhieda kredibbli l-Qorti minnufih tabilfors tikkonkludi li din il-verzjoni tal-intimat m'hi xejn kredibbli u konsegwentement ser tigi skartata.

Fi kwalunkwe kaz jista' jinghad ukoll, li l-fatt li persuna seta' kellha 'impressjoni zbaljata' mhix wehedha, raguni ghat-thassir tal-ftehim.  Ghalhekk, dan l-argument tal-intimat li ma kienx konsapevoli tal-kontenut u tal-implikazzjonijiet legali ta' dak iffirmat minnu, ma jistax jintlaqa' u qed jigi respint.

**<u>L-*exceptio non adempliti contractus*</u>;**

Il-qofol tal-kontestazzjoni tal-intimat tirrisjedi f'din ir-regola legali billi gie eccepit li r-rikorrenti ma onoratx l-obbligi kontrattwali taghha, billi ma hargitx sehemha ghan-negozju li kellu jigi operat bi shab bejn il-partijiet.

Jinghad fl-ewwel lok, li fil-kaz **Engineering Services Ltd. vs Reuter Malta Ltd**. l-Qorti tal-Appell, irriteniet hekk:

*"Gwida apprezzevoli ghall-insenjamenti kontenuti fiha hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummercjali tat-12 ta' Marzu 1965 fl-kawza fl-ismijiet "**Emmanuele Aquilina vs Salvatore Aquilina et**". Fiha jinghad illi 'din l-eccezzjoni hi poter moghti lill-kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontro prestazzjoni u jkolli jissubixxi dik is-sitwazzjoni."*

*"………..li r-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma li (1) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali tal-ftehim (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur u (3) irid ikun hemm proprozjonalita` bejn l-inadempjenzi tal-partijiet, cjoe` li n-nuqqas ta' l-attur, relattivament ghall-prestazzjoni li hu jesigi minghand il-konvenut, ikun ta' certa gravita`."* (Ara wkoll **St. Michael's Foundation for Education vs V. Attard (Works) Ltd.** P.A.(JZM) - 7 ta' Marzu 2013). Inoltre`, din l-inadempjenza trid tigi ppruvata (Ara **Emanuele Barbara vs Michelina Farrugia**, App. Civ. - 10 ta' Ottubru 1958; **Terence Mirabelli vs James Schembri**, P.A. - 31 ta' Jannar 2003).

B’dawn l-elementi in mira jidher l-ewwel Qorti ghandha tivvaluta ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fil-kaz odjern din il-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

i. Fl-ewwel lok ma tqiesx li hemm interdependenza bejn l-ewwel klawsola dwar l-operat bi shab u it-tieni klawsola dwar is-somma li ghandha tithallas lir-rikorrenti ghal sehemha mill-avvjament (*goodwill)* max-xoljiment tar-relazzjoni. Dan ghaliex johrog car li din l-ahhar klawsola qed tirreferi ghar-relazzjoni personali bejn il-partijiet u hija mfissra bhala dritt unilaterali spettanti lil Josephine Cricchiola.

In-Nutar Poole spjegat fix-xhieda dettaljata taghha li l-attrici "*riedet xi tip ta' security ghar-raguni li gja kellha relazzjoni qabel fejn kienet marret hazin fir-rigward ta' flus.....Illi l-intendiment li fhimt jien* <u>*mill-partijiet prezenti*</u> *li jekk jigri li r-relazzjoni tintemm, titlaq hi, titlaq Josephine minn negozju, dan ikun* <u>*is-sehem taghha*</u>*."* (sottolinear ta' din il-Qorti.)

Huwa car u inekwivoku li l-hlas huwa dovut u li dan il-hlas huwa pagabbli gjaladarba "*il-partijiet ma jibqghux joperaw flimkien* <u>*ghax ir-relazzjoni taghhom ma tibqax aktar fis-sehh....*</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghaldaqstant l-unika kondizzjoni imposta mill-partijiet hija li l-attrici titlaq minnhabba ksur tar-relazzjoni taghhom. Huwa pacifiku li il-kelma *relazzjoni* f'dan il-kuntest tirreferi ghar-relazzjonijiet personali bejn il-partijiet u mhux ghal dawk kummercjali.

Illi l-intimat qed jikkontesta li rcieva l-ammont imsemmi minghand ir-rikorrenti. Izda fil-fehma tal-Qorti, il-kliem car tal-klawsola juru li l-ammont hu dovut *ghal sehemha mill-avvjament.* L-attrici ma kellhiex ricevuta ghall-hlas tas-somma li tghid li avvanzat lir-rikorrent ghaliex tghid li l-iskrittura kienet ir-ricevuta taghha. Min-naha l-ohra, il-kliem fit-test ma jiggustifikawx dak li qed jghid l-intimat. Huwa assuma l-obbligu li jhallas somma pre-likwidata f'kaz li l-attrici titlaq minhabba l-isfaxxar tar-relazzjoni taghhom. L-iskrittura ma ssemmi xejn dwar konteggi (profitti u infieq) li kellhom isiru bhala kondizzjoni ghal tali hlas.

ii. L-intimat jallega li r-rikorrenti ma onoratx l-obbligi kontrattwali taghha ghaliex ma qasmitx l-ispejjez inkorsi mill-intimat matul il-perjodu li kienu jiggestixxu n-negozju ta' Hilltop Service. Hu qed jistrieh fuq l-ewwel klawsola tal-ftehim.

Illi tajjeb li ssir harsa lejn il-klawsoli l-ohra tal-iskrittura (Dok A) li jiddisponu hekk:

i. L-operat tal-hanut ghandu jsir bi shab bejn il-partijiet (50/50) u l-i*stock* u l-oggetti li jinsabu fil-hanut jappartjenu lill-partijiet fl-istess kwota.

ii. Il-klawsola fuq citata dwar il-hlas tal-avvjament.

iii. Klawsola ohra fejn jinsab stipulat kwalunkwe qligh minn twillija jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Evidentement din l-ahhar klawsola tapplika f'kaz li r-relazzjoni bejn il partijiet ma tithassarx.

Jibda biex jinghad, li huwa minnu li hafna mix-xhieda prodotti kkonfermaw li kien l-intimat li hallashom b'cekk jew *cash* ghall-apparat, *stock*, servizzi u dak kollu necessarju fl-imsemmi negozju.

Illi din l-ewwel klawsola li jishaq fuqha il-konvenut, b'differenza mal-klawsola l-ohra fuq citata, hija ta' natura bilaterali in kwantu timporta drittijiet u obbligazzjonijiet reciproci fuq il-kontraenti. L-intimat qed isostni li l-attrici ma wettqitx sehemha billi ma kkontribwiet xejn, la ghall-operat u lanqas ghall-ispejjez konnessi mal-attrezzaturi, forniment u gestjoni tan-negozju. Fil-fatt dan mhuwiex negat mill-attrici u jirrizulta ampjament ippruvat li ma kellha l-ebda sehem fil-gestjoni u fil-kontroll tal-hanut u tan-negozju.

Madanakollu din il-klawsola tirregola l-operat tal-hanut bi shab (50/50) u li "*dan ifisser ukoll"* li l-oggetti u l-i*stock* kollu jkun jappartjeni lilhom f'dawn il-kwoti wkoll.

Billi *si tratta* ta' hanut, il-Qorti tifhem li l-operat jirreferi ghad-dhul u ghall-hrug, ghat-telf u ghall-profitt, oltre ghall-oggetti u *stock*, kif ukoll ghall-avvjament.

Jirrizulta li l-attrici ma ghamlet l-ebda talba ghal xi sehem mid-dhul jew profitti. Lanqas jirrizulta li saru xi konteggi sabiex johrog xi net attiv, jew telf meta telqet. Anzi il-mankanza tal-involviment attiv tal-attrici (ghajr bhala impjegata) avvera bil-kompjacenza shiha tal-konvenut. Huwa minnu li hallas ghall-i*stock*, ghar-rigal lill-inkwilin

precedenti tal-hanut, kif ukoll ghall-apparat necessarju u *cash register*. Izda huwa daqstant accettat li zamm ghalih l-i*stock* li xtara, dhul, u kwalsiasi profitti rizultanti min-negozju wara li telqet l-attrici u zamm ghalih kwalsiasi dhul mit-twillija li sehh fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Dwar dan il-punt, meta r-rikorrent gie mistoqsi in kontro-ezami, jekk kienx ta parti mill-i*stock* lir-rikorrenti, hu kkonferma li hi ma hadet xejn minn dak l-i*stock* wara li sfaxxat ir-relazzjoni taghhom. Lanqas hadet xejn mill-apparat, stock u oggetti kontrarjament ghal dak stipulat u sahanistra il-*cash register* hadu mieghu d-dar wara li wella' l-hanut.

Sinjifikanti x-xhieda tal-konvenut fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 fejn qal:

"*Iva kien isir qligh imma dan il-qligh kien kollu ghalija ghax jiena lilha kont intiha l-paga."* (fol 534). Madanakollu din il-paga mhix rapportata fid-dokumenti tan-negozju esebiti mill-istess intimat.

Illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tistax tilqa' din l-eccezzjoni, fl-ewwel lok billi hi tal-fehma li l-ftehim dwar il-hlas dovut lill-attrici mhux marbut mal-ftehim dwar il-gestjoni kongunta tal-hanut u lanqas ma xi konteggi li setghu kienu dovuti bejn il-partijiet naxxenti minn tali gestjoni u twillija; u fit-tieni lok billi kien il-konvenut stess li assuma l-operat f'idejh u gestixxa l-hanut bhala tieghu minghajr ma ta l-ebda rendikont jew sehem deciziv lill-

attrici. Huwa car li fl-attwazzjoni reali tal-ftehim, il-kontraenti ma kienux shab indaqs imma l-konvenut kien is-sid u l-attrici l-impjegata. Ghaldaqstant l-inadempjenza allegata mill-konvenut mhix attribwibbli lill-attrici. Kwindi l-eccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu respinti.

**<u>It-Talba Rikonvenzjonali:</u>**

Illi l-intimat intavola **kontro-talba** fejn gie rilevat li n-negozju kellu jigi adoperat bi shab, u r-rikorrenti qatt ma kkondividiet fl-amministrazzjoni u l-finanzjament tal-istess negozju. Illi gie sostnut li r-rikorrenti abbandunat in-negozju f'Marzu 2009. Ghalhekk, it-talba principali tieghu hi li qed jitlob l-ammont ta' tnejn u tletin elf u tmenin ewro, u sitta u tmenin centezmu (€32,080.86), rapprezentanti nofs s-somma li nefaq.

Ir-rikorrenti fir-risposta ghal din il-kontro-talba, rribattiet, illi wara li hi harget l-ammont li jidher fl-iskrittura Dok A ghall-gestjoni tan-negozju, hi kellha titlaq min-negozju wara biss ftit xhur minhabba imgieba u sahansitra theddid da parti tal-intimat. Ir-rikorrenti opponiet ghall-kontro-talba wkoll billi eccepiet li hi m'hi titlob xejn minn negozju li kien hemm vigenti, la *stock* u lanqas apparat, ghalhekk m'ghandha l-ebda obbligu li thallas lill-intimat ta' dak li nefaq u qed jinnegozja bih.  Kwindi, hi qed titlob biss is-somma harget li tidher fl-iskrittura Dok A, u cioe` tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro (€23,294).

Illi l-attrici ma ipproduciet l-ebda prova dokumentarja in sostenn tal-allegat avvanz ta' flejjes lill-konvenut. Huha xehed li sellifha flus kontanti u hi stess m'ghandha l-ebda ricevuta ta' xi avvanz lill-konvenut. Il-konvenut, da parti tieghu pproduca diversi xhieda kif gja kkonstatat, li kkonfermaw li meta nxtara apparat u *cash register* ghal dan in-negozju, kien hu li hallashom permezz ta' cekkijiet esebiti fl-atti jew flus kontanti.  Inoltre hemm esebiti pataflun ta' *invoices* ta' merkanzija fornita ghan-negozju fil-perjodu sakemm telqet l-attrici billi l-konvenut qed isostni li nefaq circa €45,000 komplessivament f'xiri ta' *stock* (affidavit a fol 75 tal-process- zewg partiti).

Madanakollu, mankanti huma provi affidabbli bhall-*profit and loss accounts*, *balance sheets*, VAT *returns*, kontijiet tat-Taxxa fuq id-Dhul u, in generali kotba ta' negozju u dokumenti li jsostnu mhux biss l-infieq, imma l-qliegh rizultanti. Hawnhekk il-Qorti tirreferi ghal dak mistqarr mill-konvenut, fuq citat fejn qal li kien jaghmel profitti.

Ikkonsidrat li s-shubija mhix *a senso unico*, imma timporta shab fil-gwadann u mhux biss fl-infieq. It-talba rikonvenzjonali hija gja monka in kwantu ma tirriflettix il-ftehim milhuq bejn il-partijiet imma biss aspett wiehed tal-ftehim minghajr ma jittiehdu in konsiderazzjoni l-konteggi kollha li ghandhom isiru sabiex shubija tigi xjolta.

Ikkunsidrat ukoll, li meta r-rikorrenti telqet min-negozju, u kwindi l-intimat baqa' jiggestixxi l-hanut wahdu , kull ma kienu ghaddew ftit xhur.  Inoltre, l-i*stock*, u dak kollu li gab

prova dwaru l-intimat li kien thallas minnu, baqa' ghandu u ma kkondivida xejn mar-rikorrenti. Dan jinsab ikkonfermat mill-intimat stess in kontro-ezami, li kkonferma li r-rikorrenti ma hadet xejn mill-profitti u mill-i*stock*, u li l-*cash register* li kienet inxtrat hadha d-dar ghandu.

*In vista* tac-cirkostanzi u tar-rizultanzi fattwali fil-vertenza odjerna, din il-Qorti ssib li t-talbiet tal-intimat rikonvenzjonant huma infondati, meta jigi nnutat li f'terminu qasir ta' ftit xhur, dak kollu konness man-negozju gestit baqa' ghandu, u r-rikorrenti ma hadet xejn mill-assi u mill-profitti tal-istess negozju. Mhuwiex possibbli ghall-Qorti li tordna rifuzjoni ta' nofs l-ispejjez minghajr ma tikkonsidra id-dhul u profitti li gew percepiti unikament mill-konvenut kif ukoll il-valur tal-i*stock* u oggetti li kienu jinsabu fil-hanut. Kif gja rilevat, tali talba ma tirrispjekkax il-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif espress fid-diversi klawsoli tal-iskrittura edebita Dok.A.

*In vista* ta' dak kollu kkonsidrat anke fir-rigward tat-talba principali, din il-Qorti tqies li t-talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u t-talbiet rikonvenzjonali tieghu, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u l-eccezzjonijiet rikonvenzjonali kif gej:

**Tilqa' t-talba** tar-rikorrenti u tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u disghine ewro (€23,294) lir-rikorrenti. Kwindi tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti din is-somma flimkien mal-imghax legali li jibda jghodd mid-data tal-att gudizzjaru datat nhar il- 15 ta' April 2009.

**L-ispejjez** inkluz l-ispejjez tal-ittra bonarja datata 26 ta' Marzu 2009, u l-ispejjez tal-ittra ufficjali jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Ottubru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2017**